**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 105 – IT-TNEJN, 4 TA' GUNJU 2018 FIL-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 104**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 6.1 għandha tidħol "f'Ta Żwejt" wara il-kliem minħabba f'hekk.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 104**

2.1 Ma kienx hemm punti mtella.

**3 Pagamenti Numru ~~90~~ 92**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Approvazzjoni Audited Accounts**

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar l-audited accounts ippreparati. Ġiet innutata l-pożizzjoni pożittiva finanzjarja tal-Kunsill ghas-sena 2017. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn l-audited accounts. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Kien hemm diskussjoni biex isiru żewġ bozoz ġodda fit-triq tal-wied fejn il-Girna kif ukoll issir applikazzjoni għal servizz ta' arloġġ ġdid tad-dawl fil-girna. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ktieb il-ġdid ippubblikat mill-Kunsill tlesta mill-printer u ser jiġi mniedi f'Jum San Ġwann.

5.3 Kien hemm qbil li ssir attività f'Wied Għomor għall-voluntiera li naddfu dan il-wied fil-15 ta' Ġunju 2018. Għandhom jiġu mqabbda l-iscouts ta' San Ġwann għal preparazzjoni.

5.4 Il-Kunsill ġie mfakkar li ser issir preżentazzjoni lin-Nursery tal-Football għada, il-5 ta' Ġunju 2018.

## 6 Korrispondenza

6.1 Kien hemm diskussjoni dwar proposta biex Triq l-Ortolan issir One Way. Wara kunsiderazzjoni kien hemm qbil li din it-talba ma tiġix milqugħa.

6.2 Ġew diskussi l-applikazzjonijiet għal post ta' EO mal-Kunsill. Wara li tkellmu l-Membri tal-Bord tal-Għażla kif ukoll ġew analizzati is-CVs kien hemm qbil li tintgħażel is-Sinjorina Roberta Milazzo għal dan il-post. Kien hemm qbil unanimu ukoll li tintgħażel is-Sinjorina Alexia Attard biex isservi fil-customer care. Għandha ssir talba lil DLG biex tigi ingaġġata t-tieni persuna.

6.3 Ġiet innutata l-laqgħa plenarja fid-Dolmen Hotel fis-7 ta' Lulju 2018.

6.4 Ġiet innutata r-risposta tas-Swieqi dwar il-propost żvilupp tal-farm. Dawn għandhom jiltaqgħu mal-iżviluppatur u wara jiltaqgħu magħna.

6.5 Kien hemm qbil unanimu li jinkera garaxx fi Triq Vincenzo Hyzler bi preparazzjoni għal meta jiġi zviluppat l-uffiċini tal-Kunsill. Dan ser ikun bi spiża ta' 20 Ewro + Vat kuljum.

6.6 Kien hemm diskussjoni dwar il-programm ta' attivitajiet għal Jum San Ġwann kif ukoll l-ispejjeż għal dawn l-attivitajiet.

## 7 Affarjiet oħra

7.1 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet dwar iż-żjara ta' Comiso. Hi nfurmat lill-Kunsill li l-Komune ta' Comiso xtaq li jsir ġemellaġġ mal-Kunsill ta' San Ġwann. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsir dan il-ġemellaġ. Hi ppreżentat ukoll qoffa bi speċjalitajiet lill-Kunsill.

7.2 Is-Sur Neville Mallia lmenta li qed ikun hemm minn jarmi fil-passaġġ f'Ta' Żwejt. Għandha titwaħħal tabella biex jinżamm l-indafa.

7.3 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li tal-ġbir ta' skart qed jibda qabel il-ħin. Għandha ssir komunikazzjoni biex din ma terġax issir.

7.4 Is-Sur Dominic Cassar ippropona biex issir lampa ġdida fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar u fi Sqaq Qasbi. Kien hemm qbil unanimu. Hu fakkar ukoll biex dawk li ser jieħdu Mertu San Ġwann jiġu ppreżentati b'ċertifikati.

8 **Għeluq il-Laqgħa**

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Ġunju 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**